# Stqarrija

## Ornis jonqos lin-natura u lit-tfal: Japprova l-kaċċa, jiċħad protezzjoni lill-iskejjel

Matul il-laqgħa tal-bieraħ tal-Kumitat Ornis, il-proposta tal-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba, Konservazzjonisti, l-FKNK biex jinfetaħ staġun tar-rebbiegħa għall-kaċċa fuq il-gamiema ġiet approvata bl-appoġġ tal-membri kollha ħlief BirdLife Malta, li vvutat kontra, filwaqt li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, l-ERA astjeniet. Proposti oħra tal-FKNK għaddew ukoll, inkluż waħda għall-insib tal-gamiema, li ġiet appoġġjata mill-membri kollha, inkluż l-ERA, filwaqt li BirdLife Malta vvutat kontra.

B'kuntrast, il-proposta li BirdLife Malta resqet aktar minn sena ilu biex tinħoloq żona ta' protezzjoni ta' 200 metru madwar l-iskejjel f'Malta u Għawdex, ma ġietx approvata. Kienet biss BirdLife Malta li vvutat favur din il-proposta filwaqt li l-bqija tal-membri vvutaw kontra jew astjenew. Filwaqt li l-bajjiet, l-arterji prinċipali, u ċ-ċimiterji għandhom dawn iż-żoni ta' protezzjoni, huwa tal-mistħija u diżappuntanti li dawk li jpoġġu madwar il-mejda tal-Ornis—magħżulin mill-Gvern ta' Malta—ma appoġġjawx l-inklużjoni tal-iskejjel f'din il-lista biex jipproteġu t-tfal tagħna.

Ir-rappreżentant tal-ERA, Darrin Stevens, astjena, u qal li kellu bżonn jivverifika l-implikazzjonijiet tal-permessi ambjentali—skuża ċara wara aktar minn sena ta' diskussjonijiet u tattiċi ta' dewmien. Kieku mhux għall-perseveranza ta' BirdLife Malta, din il-proposta kienet ilha li ntilfet u qatt ma ttieħed vot dwarha.

*"Qatt ma kien hemm dubju li l-mod kif huwa mfassal il-Kumitat Ornis, huwa preġudikat favur ir-rieda politika tal-Gvern, li llum hija ċara: li jċedi għat-talbiet tal-lobby tal-kaċċa. Dak li ġara fil-laqgħa tal-bieraħ huwa turija ċara ta' dan. Minflok kumitat li jagħti pariri xjentifiċi, il-Gvern ħoloq tim ta' 'Iva Ministru' bir-riżultat li l-kumitat sar entità antidemokratika u mhux bilanċjata."* — Mark Sultana, Kap Eżekuttiv BirdLife Malta.

Wara r-riżultati tal-laqgħa tal-bieraħ, BirdLife Malta qed titlob lill-Gvern biex ma jiftaħx staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fuq il-gamiema vulnerabbli, għaliex id-dejta li pprovda l-Wild Bird Regulation Unit, WBRU, kienet

matematikament u xjentifikament żbaljata, u b'mod skorret ippreżentat l-gamiema bħala stabbli meta fir-realtà qed tonqos b'mod allarmanti fil-Central Eastern Flyway.

BirdLife Malta tħeġġeġ lill-gvern biex ma jirriskjax li Malta teskala aktar proċeduri ta' ksur mal-Kummissjoni Ewropea, billi tinnota li l-kaċċa fuq il-gamiema diġà hija soġġetta għal proċedura ta' ksur, filwaqt li l-insib tal-gamiema kien waqaf fl-2011 wara ksur simili.

BirdLife Malta tappella lill-Gvern ukoll biex jogħla 'l fuq mill-pożizzjoni assurda li ħa l-Kumitat Ornis u joħroġ l-avviż legali meħtieġ biex jipproteġi l-iskejjel u l-istudenti billi jistabbilixxi żona ta' protezzjoni ta' 200 metru madwarhom.

Fl-aħħar nett, BirdLife Malta tinsisti li l-Gvern għandu jirriforma l-Kumitat Ornis f'kumitat ibbażat fuq ix-xjenza u b'nies kompetenti li kapaċi jagħtu pariri xjentifiċi sodi minflok ma jħallih kumitat li japprova biss dak li jordnawlu minn fuq.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

**Nota:**

(a) Malta bħalissa qed tiffaċċja proċedura ta' ksur dwar il-kaċċa fuq il-gamiema, li nbdiet b'ittra ta' notifika formali maħruġa f'Frar 2023 (https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/inf_23_525)

(b) L-aħħar darba li Malta ppermettiet l-insib tal-gamiema kien fl-2010, wara li proċedura ta' ksur fl-2011 kienet indikata li Malta kienet qed tikser id-Direttiva tal-Għasafar b'din il-prattika.

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
1. 22nd Apr 2021 Shot European Turtle-dove_Wardija
2. 7th Oct 2024_Shot Honey Buzzard Falls in School in Rabat_blurred faces
3. One of the shot Turtle-doves recovered from a residence in Madliena.